## NISTRIEĦU FTIT

*Ta'* VAL. V. BARBARA, O.P.

Nistrieħu ftit, ħabib, riġlejja tqalu,
U rogħda f'ġismi qed twaqqafli l-mixi,
Demmi kesaħli, l-art qed iddur bija,
Bħal toqol kbir qiegħed igħaffiġni taħtu,
Inħossu se jwaqqagħni,
Se jitfagħni
Qalb it-trab.
Il-mixja li għamilna bosta twila,
It-triq li minnha għaddejna wisq imħarbta,
Qawwet ix-xemx ħaqritna,
U l-ebda farag ma ġie jbus ħaddejna.
Kull min iltaqa' magħna
Hares mistagħġeb lejna,
Ma f'hemx il-ħidma tagħna,
U baqa' sejjer bi tbissima f'fommu,
Tbissima ta' tmaqdir!
Iżd'aħna, bħal irġiel ta' fehma sħiħa,
Tħassarna 'l dawk in-nies imsejkna u boloh,
U b'rieda ta' l-azzar
Bqajna mexjin,
Mexjin.
Imm'issa ħedla kbira waqgħet fuqi,
Waqt li quddiem għajnejja
Nilmaħ għadha tinfirex
Triq twila twila,
U xemx qalila
Għadha tisreġ fuq rasna u trid tjassarna
Taħt imrieżaq tan-nar...
Ħabib, serraħni ftit, int aqwa minni,
Jiena dgħajjef wisq, dan tafu.
Għalhekk nistrieħu ftit,
Nistrieħu ftit,......
Nistrieħu!......

---



## Sidtna ta' Guadalupe

*Ta'* ĠUŻE' DIACONO

KIENET is-sena 1531. Il-Messiku kien mirbuħ u mrażżan, id-deheb ta' l-Azteki maħtuf, Monteżuma, sultan qalbieni ta' l-Indjani, maqtul. Cortes kien telaq lura biex iqatta' ftit tal-bniala fi Spanja. L-Ispanjoli issa kienu qed isaltnu mingħajr tfixkil ta' xejn, għax l-imsejkna Indjani bil-qaws u l-vleġġa tagħhom ma felħux għall-arkibuġi u l-porvli tal-għadu li laqgħu fi ħdanhom bħala ħabib.

L-għadd ta' l-Ispanjoli fil-Messiku kien dejjem joktor, u minn Spanja kien wasal ukoll l-Isqof Zumarraga bħala Protettur ta' l-Indjani. Dan l-Isqof kien Franġiskan, u miegħu ħa fil-Messiku bosta Franġiskani oħra. Għamlu ħilthom kollha dawk l-ulied twajba tal-Fqajjar ta' Assisi, ħabirku, għallmu lill-Indjani, dewquhom il-ħlewwa tal-kelma u l-imħabba ta' Kristu, u għammdu minnhom bl-eluf. Imma, jaħasra, ftit jew xejn setgħu jagħmlu biex jeħilsuhom mill-madmad, mill-moħqrija tas-sidien Insara tagħhom.

L-Ispanjoli kienu jaħqru lill-Indjani, iwarrbuhom, ijassruhom, jinqdew bihom bħallikieku bhejjem. U, tabilħaqq, hekk kienu jgħidu ħafna minnhom: "Dawn bhejjem. Mela dawn għandhom ruħ!" Waslu, saħansitra, biex iċanfru lill-Franġiskani għax għammduhom; waslu biex ikeċċuhom mill-knejjes tagħhom.

Fost l-Indjani kien hemm wieħed imgħammed Juan Diego, bidwi ta' xi sittin sena, li kien miġbud wisq lejn Ommna Marija. Jekk tistaqsih ma kienx jaf igħidlek hekk, imma lill-Madonna kien jaraha bħala Omm, iva, iżda bħala Omm żagħżugħa, bħala Omm l-ewwel tarbija — għax il-bniet ta' niesu kienu jieħdu r-raġel fi snin bikrin. Kien jaraha bħala tfajla omm ta' ħmistax, safja, ġwejda, imseddqa mill-imħabba tas-Sema, tifla ta' ġmiel, qalb muġugħa bl-imħabba. Ta' kull lejla kien imur fil-knisja żgħira tal-missjoni, kien jieħu miegħu ftit wardiet, meta jkun żmienhom, maqtugħin friski mill-ġnejna tiegħu; iqegħidhom f'riġlejn ix-Xbejba tas-Sema, u joqgħod hemm bil-qiegħda ma' l-art jitgħaxxaq bi ġmielha, jifraħ bi tjubitha; jissabbar għax jiftakar f'dak li ġarrbet hi, f'dak li ġarrab binha mħabba firregħba u l-ambizzjoni ta' dawk li biex jaħfnu, jikbru u jaħkmu,